# Il-Knisja tal-Viżitazzjoni f'Wied Qirda



**Raymond Saliba**
Assistent għall-kuratur fil-Mużew tal-Katidral Imdina

Id-devozzjoni Marjana fil-Gżejjer Maltin hi waħda antika ħafna. Xhieda ta' dan huma diversi knejjes u xbihat li nsibu, ċertament l-aktar kotrana u antiki. Fost it-titli Marjani li kienu popolari sa minn sekli ilu, insibu dak b'rabta mal-Viżitazzjoni ta' Marija lil Eliżabbetta. Dan hu kkonfermat ukoll permezz ta' numru ta' knejjes li għalkemm illum mhux tant kotrana, fi żminijiet oħra kienu akbar fin-numru.

Waħda mill-knejjes tal-Viżitazzjoni li għadhom magħna hi dik fl-ambjent pittoresk ta' Wied Qirda, f'Ħaż-Żebbug, Malta. Irridu ngħidu mill-bidu li sas-seklu XV, dan ir-raħal importanti f'nofs il-gżira, kellu mhux anqas min tliet knejjes dedikati lill-Verġni Marija taħt dan it-titlu. Waħda minnhom, magħrufa bħala ***Ta' Qassis Nardu*** mibnija minn Don Leonardus Bonavia, tmur lura almenu sal-1432. Din hi ċertament waħda mill-eqdem knejjes li nafu bihom, dedikata lill-Viżitazzjoni.

Minkejja li tinsab f'post kemxejn imwarrab mill-abitat, din il-knisja-santwarju għal bosta snin kienet popolari u frekwenta ferm. Ma nafux meta ġiet mibnija l-ewwel darba f'dan il-lok pittoresk ta' Wied Qirda, però minn dokument notarili tal-1539 naraw li diġà kienet wieqfa. Mons. Dużina fl-1575 jgħid li kienet fil-*contrata 'Tal Gandar',* kellha artal u bieb tal-injam, però bla paviment; rettur u dak kollu neċessarju. Nardus Vassallo, li kellu l-għnien tiegħu fl-istess lok, kien qed iwettaq l-obbligu li jagħmel il-festa. Fl-1594 din il-knisja, kellha dħul biżżejjed mhux biss biex issir il-festa, iżda wkoll ħalli tinżamm fi stat xieraq. Fil-Viżta Pastorali tal-1598 jingħad li kellha dak kollu meħtieġ għall-kult, inkluż il-kwadru titulari, kif ukoll li l-lampier kien jinxtegħel kull nhar ta' Sibt. Mill-Viżta Pastorali tal-1621 joħroġ kemm kien hemm devozzjoni kbira marbuta magħha, b'mod partikolari matul il-festa titulari li kienet kompluta anke bl-Ottava. Wieħed mid-devoti li kien jiffrekwenta regolarment dan il-post kif ukoll jikkontribwixxi għaż-żamma tiegħu, kien Fra Gio. Francesco Abela, Kappillan Konventwali tal-Ordni. Mill-Viżta Pastorali tal-1634 naraw li kien għadu kif sar kwadru titulari ġdid. Il-knisja preżenti kienet mibnija fl-istess lok tal-qadima fl-1675, mill-Kjeriku Bartolomeo Mifsud, fejn fl-1702 ħejja fiha qabar għalih, li sussegwentement ġie midfun fih nhar it-3 ta' Mejju, 1722. Meta l-Isqof Alpheran de Bussan żar il-knisja fl-1747 reġa' kkummenta dwar il-kobor u t-tagħmir li kellha, flimkien mad-devozzjoni kostanti tal-poplu lejha kif rifless minn bosta obbligi ta' quddies u b'mod partikolari d-devozzjoni lejn l-istatwa tal-ġebel ta' Sant Antnin ta' Padova. F'din il-knisja tul is-seklu XX kienu jsiru bosta rtiri u laqgħat għal xi Għaqdiet tal-Parroċċa, però fl-aħħar kwart tal-istess seklu ġiet vandalizzata diversi drabi. Fl-2013 tlesta restawr estensiv tal-binja minn barra u ġewwa taħt id-direzzjoni tal-Perit Mario Ellul, fuq inizjattiva tal-parroċċa.

Id-daqs tal-knisja hu kbir mhux ħażin għal waħda tal-kampanja, filwaqt li l-arkitettura hi sinjorili kemm minn ġewwa kif ukoll fuq barra. Il-pjanta hi rettangolari bil-parti ta' wara tiġi għat-



tond u appsidata. Mal-ħitan laterali ddur entablatura li tinkludi numru ta' mensoli ħelwin, li tieħu fuqha ċ-ċinta u saqaf *barrel* b'sitt taqsimiet f'għamla ta' kaxxettuni. Fiha artal wieħed tal-ġebel, bi stil u xogħol li jikkumplimenta l-prospettiva Barokka, li tinkludi żewġ kolonni Korinti u diversi putti. Din il-prospettiva mhux biss fiha xogħol ta' lavur tajjeb, iżda hi wkoll kompletament indurata. Il-parti appsidata hi wkoll iddekorata bil-kulur u d-deheb. Fuq kull naħa tal-artal hemm bibien kompluti bil-pediment nofs-tond li jwasslu għas-sagristija, filwaqt li fuqhom hemm gwarniċi għall-kwadri tal-pittura. Mal-ħitan laterali hemm tliet prospettivi klassiċi fuq kull naħa, kollha jieħdu fihom kwadru, ħlief għal waħda li fiha statwa tal-ġebel tas-seklu XVIII, li turi lil Sant'Antnin ta' Padova. Din ix-xbieha kellha fil-passat devozzjoni partikolari fost iż-Żebbuġin. Il-kwadru titulari flimkien ma' ieħor laterali li juri lil San Ġwann tas-Salib kienu mpittra minn Swor Maria de Domenici, alljieva ta' Mattia Preti, filwaqt li l-kwadru pariġġ, dak ta' San Ġwann, li kien juri lil Santa Tereża t' Avila, hu xogħol lokali ta' tard is-seklu XVII. Fil-Korsija kien hemm ħames kwadri oħra, li nistaw nattribwuhom lil Pasquale Buhagiar, li juru lil: Madonna tal-Ħniena; Sant Anna; il-Kurċifiss mal-Madalena; il-miraklu tal-Lifgħa minn San Pawl u l-Martirju ta' San Bartilmew. Dawn il-pitturi kollha, ħlief għat-titular, kienu ġew misruqa fis-snin 80 tas-seklu XX, però aktar tard kienu rkuprati u meħuda fil-Knisja Parrokkjali. Il-knisja minn barra għandha faċċata fuq livell wieħed u diviża fi tlieta. Fil-ġnub tagħha hemm pilastri Tuskani b'entablatura li tinkludi mensoli li jwasslu sa taħt iċ-ċinta, karatteristika xejn komuni. Il-parti ċentrali jispikka fiha l-bieb prinċipali komplut bil-pedament u fuqu tieqa mdaqqsa bi gwarniċ wiesa'. Il-fondijiet bejn il-pilastri u l-parti ċentrali għandha żewġ twieqi kwadri, waħda fuq kull naħa, flimkien ma' panewijiet fuqhom li jaslu sal-għoli tal-kapitelli. Il-frontispizju fuq iċ-ċinta hu kemxejn irregolari, fejn il-parti tat-truf hi tat-tip trijangolari filwaqt li fin-nofs hemm dak nofs-tond migdum li però jinkludi gost partikolari bil-finamenti bil-balla. Il-ħitan laterali huma mżejna wkoll bil-pilastri; panewijiet u gwarniċjun. *Bell-cot* b'żewġ arkati jinsab fuq in-naħa ta' wara. Mal-ħitan tal-binja nsibu wkoll bosta graffiti interessanti.

Il-knisja tal-Viżitazzjoni ta' Wied Qirda hi kif rajna, post ta' storja antika u interessanti. Insibuha wkoll imsemmija f'waħda mill-poeżiji tal-Poeta Nazzjonali, Dun Karm Psaila, li kien minn Ħaż-Żebbuġ u min jaf kemm mar jippassiġġa fil-viċinanzi tagħha. Rajna kemm hu importanti l-kwadru titulari, kapulavur ta' Marija de Domenicis, flimkien mad-devozzjoni kbira li kienet tgawdi l-istatwa ta' Sant Antnin. Jalla dan il-patrimonju arkitettoniku; storiku u devozzjonali jkompli jkun imħares u mseddaq.